

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

30 ta' April 2009*

Fil-Kawża C-494/06 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2006,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn V. Di Bucci u E. Righini, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Wam SpA, stabbilita f'Cavezzo di Modena (l-Italja), irrapreżentata minn E. Giliani, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič, A. Tizzano, A. Borg Barthet (Relatur) u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: Maria Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Frar 2008,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, tas-6 ta' Settembru 2006, L-Italja u Wam vs Il-Kummissjoni (T-304/04 u T-316/04, iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/177/KE, tad-19 ta' Mejju 2004, dwar l-għajnuna mill-Istat C 4/2003 (ex NN 102/2002) implementata mill-Italja favur WAM SpA (ĠU 2006 L 63, p. 11, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 L-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 394, tad-29 ta' Lulju 1981 (GURI Nru 206, tad-29 ta' Lulju 1981), dwar miżuri ta' sostenn għall-esportazzjonijiet Taljani, jipprovdi l-bażi legali li permezz tiegħu l-awtoritajiet Taljani jistgħu jagħtu finanzjament issussidjat lill-impriżi ta' esportazzjoni fil-kuntest ta' programmi ta' penetrazzjoni kummerċjali f'pajjiżi terzi.
- 3 Wam SpA (iktar 'il quddiem “Wam”) hija kumpannija Taljana li tiddisinja, timmanifattura u tbigħ makkinarju għat-taħlit industrijali li jintuża prinċipalment fil-industrija alimentari, kimiċi, farmaċewtiċi u ambjentali.
- 4 Fl-24 ta' Novembru 1995, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jagħtu lil Wam, għajnuna fil-forma ta' self issussidjat ta' LIT 2 281 485 000 (madwar EUR 1.18 miljun) għall-implementazzjoni ta' programmi ta' penetrazzjoni kummerċjali fil-Ġappun, fil-Korea ta' Isfel u fit-Tajwan. Fid-dawl tal-kriżi ekonomika fil-Korea u fit-Tajwan, il-proġetti

ppjanati ma ġewx implementati f'dawn il-pajjiżi. Wam effettivament irċeviet self ta' LIT 1 358 505 421 (madwar EUR 700 000) sabiex ittaffi l-ispejjeż relatati mal-istrutturi permanenti u dawk relatati mar-reklamar fil-Lvant Imbiegħed.

- 5 Fid-9 ta' Novembru 2000, l-istess awtoritajiet iddeċidew li jagħtu lil Wam għajnuna oħra fil-forma ta' self issussidjat ta' LIT 3 603 574 689 (madwar EUR 1.8 miljun). Il-programm li kien iffinanzjat b'dan is-self kellu jiġi implementat fiċ-Ċina konġuntament minn Wam u minn Wam Bulk Handling Machinery Shanghai Co. Ltd, kumpannija lokali kkontrollata 100 % minn Wam.
- 6 Wara lment irċevut fl-1999, il-Kummissjoni fetħet inkjesta dwar l-għajnuna mill-Istat allegatament mogħtija favur Wam. Fil-21 ta' Jannar 2003, hija ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE, deċiżjoni li kienet tkopri din l-għajnuna allegatament mogħtija favur Wam.
- 7 Fid-19 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-ewwel u t-tieni għajnuna (iktar 'il quddiem l-“għajnuna inkwistjoni”) jikkostitwixxux “għajnuna mill-Istat” fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, id-deċiżjoni kkontestata tipprovdi fil-punti 75 sa 79 tal-motivi tagħha:

“(75) [L-għajnuna inkwistjoni] ingħatat permezz ta' trasferiment ta' fondi pubbliċi, fil-forma ta' self issussidjat, lil kumpannija speċifika, WAM SpA. Dan is-self itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju. Fir-rigward tal-effett potenzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja [...] iddeċidiet li anki jekk l-għajnuna tkun maħsuba sabiex tippromwovi l-esportazzjonijiet barra mill-UE, il-kummerċ intra-Komunitarju jista' jiġi affetwat. Barra minn hekk, fid-dawl tal-interdipendenza bejn is-swieq li fihom joperaw l-impreżi Komunitarji, huwa possibbli li tali għajnuna tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-Komunità.

- (76) WAM SpA għandha kumpanniji sussidjari madwar id-dinja kollha. Diversi minnhom huma stabbiliti fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE, inklużi Franza, l-Olanda, il-Finlandja, ir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Belġju u l-Ġermanja. B'mod partikolari, il-persuna li ressqet l-ilment enfasizzat li hija kienet tikkompeti fis-suq Komunitarju direttament ma' 'WAM Engineering Ltd'; li hija l-kumpannija sussidjarja għar-Renju Unit u għall-Irlanda ta' WAM SpA, u li kienet qed tiflew bosta ordnijiet li kienu qed imorru għand il-kumpannija Taljana. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kompetizzjoni intiża għall-barra, fost l-impriżi Komunitarji, jirriżulta li l-programm iffinanzjat mit-tieni self u li kien imfassal sabiex isostni l-penetrazzjoni kummerċjali fiċ-Ċina, kellu jitwettaq konġuntament minn WAM SpA u 'WAM Bulk Handling Machinery Shanghai Co Ltd'; kumpannija lokali li hija kkontrollata 100 % minn WAM SpA.
- (77) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk il-benefiċjarju tal-għajjnuna jesporta l-produzzjoni kollha tiegħu barra mill-UE, miż-ŻEE u [mill-pajjiżi li jkunu qed iwettqu l-adeżjoni], kwalunkwe ssussidjar tal-attivitajiet ta' esportazzjoni jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (78) Barra minn hekk, fil-każ inkwistjoni, ġie aċċertat li, mill-1995 sal-1999, il-bejgħ barra mill-pajjiż ammonta għal bejn 52 % u 57.5 % tad-dħul mill-bejgħ annwali totali ta' WAM SpA, li żewġ terzi minnu kien iġġenerat fi ħdan l-Unjoni Ewropea (f'ċifri assoluti, madwar EUR 10 miljuni meta pparagunat ma' EUR 5 miljuni).
- (79) Għaldaqstant, irrispettivament minn jekk [l-għajjnuna inkwistjoni] ssostnix l-esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra jew barra mill-Unjoni Ewropea, hija għandha l-potenzjal li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u għaldaqstant taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza u s-sentenza appellata

- 8 Ir-Repubblika Taljana, minn naħa, u Wam, min-naħa l-oħra, ippreżentaw rikorsi għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza. Sussegwentement, dawn iż-żewġ rikorsi ġew magħquda. Ir-Repubblika Taljana qajmet seba’ motivi ta’ annullament fir-rikors tagħha, filwaqt li Wam invokat għaxra. Wieħed mill-ilmenti invokati jirrigwarda l-insuffiċjenza ta’ motivazzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
- 9 Permezz tas-sentenza appellata, it-Tieni Awla tal-Qorti tal-Prim’Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Prim’Istanza ddeċidiet li kien hemm ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni.
- 10 Il-Qorti tal-Prim’Istanza fakkret, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li l-klassifikazzjoni bħala “għajnuna”, fis-sens ta’ għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni, teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha previsti f’din id-dispożizzjoni jiġu sodisfatti. Dawn il-kundizzjonijiet huma s-segwenti. L-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta’ rizzorsi tal-Istat. It-tieni nett, dan l-intervent għandu jkollu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet nett, din l-għajnuna għandha tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta’ ċerti prodotti. Ir-raba’ nett, hija għandha toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- 11 Il-Qorti tal-Prim’Istanza kkunsidrat, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li ma kienx awtomatikament stabbilit li l-għajnuna inkwistjoni kienet tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, jew li kienet ħolqot distorsjoni jew heddet li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u li tali eventwalità kellha tintwera. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni kellha ttiprovdi, fid-deċiżjoni kkontestata, l-informazzjoni rilevanti dwar l-effetti prevedibbli tal-għajnuna inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Prim’Istanza enfasizzat li l-Kummissjoni ma kinitx marbuta turi l-effetti veri tagħha.

- 12 Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, li r-raġunament espost fil-punti 75 u 77 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata kien “[i]bbażat fuq ripetizzjoni tal-prinċipji li joriġinaw mill-ġurisprudenza u fuq il-fatt li l-effetti fuq il-kummerċ jew fuq il-kompetizzjoni ma setgħux jiġu esklużi, [u] ma jistax, fih innifsu, jiġi kkunsidrat bħala li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE.”
- 13 Fir-rigward tal-konstatazzjoni li saret fil-punt 75 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li “[d]an is-self itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju”, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li din ma kinitx tirrigwarda direttament il-kundizzjonijiet dwar l-impatt fuq il-kummerċ jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, iżda, b'mod iktar ġenerali, l-għoti ta' vantaġġ lill-impriża speċifika, li jikkostitwixxi karatteristika oħra tal-kunċett ta' għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ssoktat billi sostniet fil-punt 67 tas-sentenza appellata li: “l-għoti ta' għajjnuna lil impriża speċifika, li huwa inerenti għal kull għajjnuna mill-Istat, kif ukoll it-titjib sostanzjali tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-impriża ma jstgħux ikunu biżżejjed sabiex juru li din l-għajjnuna tissodisfa l-kriterji kollha tal-Artikolu 87(1) KE”.
- 14 Fir-rigward tar-raġunijiet inklużi fil-punti 76 u 78 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat fil-punt 68 tas-sentenza appellata li dawn kienu jikkostitwixxu “informazzjoni li turi li Wam hija attiva fis-swieq dinjija u s-suq Komunitarju, li tipparteċipa fil-kummerċ b'mod partikolari [permezz] tal-esportazzjonijiet tagħha, u li tinsab f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra.”
- 15 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, li “din l-informazzjoni ma tindikax kif, minħabba l-għoti tal-għajjnuna inkwistjoni, u fid-dawl tal-karatteristiċi tagħha kif ukoll tal-fatti tal-kawża, il-kummerċ bejn l-Istati Membri seta' jiġi affettwat, u lanqas kif il-kompetizzjoni setgħet tiġi distorta jew mheddha b'hekk. Barra minn hekk, dawn huma biss numru miċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu evalwati għall-finijiet tal-analiżi tal-effetti potenzjali tal-għajjnuna inkwistjoni”.

- 16 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kienet dovuta għall-fatt li, permezz tal-għajjnuna inkwistjoni, il-pożizzjoni ta' Wam issaħħet meta pparagunata ma' impriżi ta' Stati Membri oħra li setgħu jkunu f'kompetizzjoni magħha.
- 17 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-argument ma jistax ikun rilevanti peress li d-deċiżjoni kkontestata la kienet tinkludi referenzi speċifiċi f'dan is-sens u lanqas elementi suffiċjenti dwar dan it-tisħiħ. Għall-istess raġunijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma laqgħatx l-argument li l-għajjnuna inkwistjoni ppermettiet lil Wam timplementa l-programm ta' penetrazzjoni kummerċjali tagħha barra mill-pajjiż u li teħles riżorsi fuq livell Komunitarju għal skopijiet oħra.
- 18 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma laqgħatx id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li ma kienx neċessarju li jiġu eżaminati r-relazzjonijiet ta' interdipendenza bejn is-suq Komunitarju u s-suq tal-Lvant Imbiegħed, peress li Wam tipparteċipa fil-kummerċ intra-Komunitarju. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet fil-punt 74 tas-sentenza appellata li, "is-sempliċi dikjarazzjoni tal-fatt li Wam ipparteċipat f'kummerċ intra-Komunitarju huwa insuffiċjenti sabiex tiġi sostnuta l-eżistenza ta' effett fuq il-kummerċ jew distorsjoni tal-kompetizzjoni, u għalhekk, din teħtieġ analiżi fil-fond tal-effetti tal-għajjnuna, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-fatt li din tippovdi sostenn għall-ispejjeż fis-suq tal-Lvant Imbiegħed kif ukoll, skont il-każ, l-interdipendenza bejn dan is-suq u s-suq Ewropew".
- 19 Barra minn hekk, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata kienet tirreferi għall-interdipendenza tas-swieq li fihom kienu joperaw l-impriżi Komunitarji, mingħajr madankollu ma ppreżentat, bħala kontradizzjoni mas-sentenza tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Tubemeuse" (C-142/87, Ġabra p. I-959, punti 36 sa 38), elementi speċifiċi u probatorji li jsostnu d-dikjarazzjoni, li ġiet sostnuta fil-punt 75 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni u li tirriżulta minn prinċipju stabbilit fis-sentenza Tubemeuse, iċċitata iktar 'il fuq, li jgħid li, minħabba din l-interdipendenza, l-għajjnuna inkwistjoni setgħet tolgot il-kompetizzjoni fi ħdan il-Komunità.

- 20 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-punt 79 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li kien jipprovdli li, “irrispettivament minn jekk [l-għajnuna inkwistjoni] ssostnix l-esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra jew barra mill-Unjoni Ewropea, hija għandha l-potenzjal li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u għaldaqstant taqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat”, il-Qorti tal-Prim’Istanza ddeċidiet fil-punt 75 tas-sentenza appellata li d-deċiżjoni kkontestata “ma tinkludix evalwazzjoni formali dwar id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, u b’hekk, b’mod apparenti, ma kkunsidratx il-ħtieġa ta’ din il-kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu”.
- 21 Fil-punt 75 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim’Istanza, minn naħa, sostniet li “ebda prova ma tindika li l-għajnuna inkwistjoni kienet intiża li ttipprovdli sostenn għall-esportazzjonijiet lejn Stati Membri oħra, u min-naħa l-oħra, li l-imsemmija għajnuna ma kinitx intiża li ttipprovdli direttament u immedjatament sostenn għall-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea, iżda li tiffinanzja programm ta’ penetrazzjoni kummerċjali”.
- 22 Il-Qorti tal-Prim’Istanza ddeċidiet fil-punt 76 tas-sentenza appellata li r-raġunijiet esposti fil-punti 74 sa 79 tad-deċiżjoni kkontestata ma kinux juru kif, fid-dawl tal-fatti tal-kawża, l-għajnuna inkwistjoni setgħet tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, u għalhekk, iċ-ċirkustanzi invokati fid-deċiżjoni kkontestata ma jikkostitwixxux motivazzjoni suffiċjenti sabiex isostnu l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE.
- 23 Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim’Istanza, mingħajr ma eżaminat il-motivi l-oħra invokati mir-Repubblika Taljana u minn Wam, annullat id-deċiżjoni kkontestata minħabba insuffiċjenza ta’ motivazzjoni peress li hija ma kellhiex provi suffiċjenti li jwasslu għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet kollha ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 87 (1) KE kienu sodisfatti.

It-talbiet tal-partijiet

- 24 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla s-sentenza appellata;
 - filwaqt li tagħti deċiżjoni definittiva fuq il-kawża, tiċħad dan ir-rikors bħala infondat;
 - sussidjarjament, tirrinwija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għall-eżami mill-ġdid; kif ukoll
 - tikkundanna lir-Repubblika Taljana u lil Wam għall-ispejjeż taż-żewġ proċeduri.
- 25 Ir-Repubblika Taljana titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiddikjara bħala inammissibbli, jew tiċħad, l-appell tal-Kummissjoni u tikkundannaha għall-ispejjeż tal-proċeduri.
- 26 Wam titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment, li tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, bħala infondat. Iktar sussidjarjament, Wam titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi favur l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għal raġunijiet oħra, u, iktar sussidjarjament, li tirrinwija l-kawża għal deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, u fi kwalunkwe każ, li tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk ta' din l-istanza l-ġdida.

Fuq l-appell

Fuq l-ammissibbiltà

- 27 Kemm ir-Repubblika Taljana kif ukoll Wam jikkontestaw l-ammissibbiltà tal-appell.
- 28 Ir-Repubblika Taljana ssostni li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' konformità tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija motiv li ma jikkonċernax kwistjoni ta' dritt.
- 29 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdni li l-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat għal punti ta' dritt. Dan jista' jkun ibbażat fuq aggravji li huma bbażati, b'mod partikolari, fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju mill-Qorti tal-Prim'Istanza.
- 30 Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 20 tal-konklużjonijiet tagħha, l-appell tal-Kummissjoni huwa bbażat, preċiżament, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt Komunitarju billi naqset milli ssegwi u milli tapplika l-interpretazzjoni tal-Artikolu 87 KE u 253 KE stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 31 Isegwi li l-argument tar-Repubblika Taljana li l-appell mhuwiex fondat fuq punt ta' dritt għandu jġi miċħud.
- 32 Fir-rigward tal-argument ta' Wam li l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni kien jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, li teżamina mill-ġdid il-mertu tas-sentenza appellata, pjuttost milli tillimita ruħha għall-istħarriġ tal-“forum proċedurali sostanz-

jali” kif jeħtieġ l-Artikolu 230 KE u, min-naħa l-oħra, li twettaq sħarriġ tal-mertu li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex kompetenti f’dan l-istadju tal-appell, għandu, l-ewwel nett, jiġi kkonstatat li l-Artikolu 230 KE jattribwixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-kompetenza li twettaq sħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji minbarra dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rikorsi ppreżentati kontra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja huma, min-naħa l-oħra, irregolati mill-Artikolu 225 (1) KE u mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33 Sussegwentement, għandu jifakkar li l-obbligu ta’ motivazzjoni jikkostitwixxi formalità sostanzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din tirrigwarda l-legalità tal-mertu tal-att inkwistjoni (ara s-sentenza tas-7 ta’ Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-310/99, Għabra p. I-2289, punt-48). Peress li l-uniku aggravju tal-Kummissjoni huwa tabilħaqq intiż li jkkontesta l-analiżi ġuridika tal-obbligu ta’ motivazzjoni li wettqet il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi allegat fil-konfront tal-Kummissjoni li din stiednet lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq eżami mill-ġdid tal-mertu tad-deċiżjoni kkontestata.

34 Isegwi li l-argument ta’ Wam dwar l-ammissibbiltà tal-uniku aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud ukoll.

35 Għalhekk, l-appell għandu jiġi ddikjarat bħala ammissibbli.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

36 Il-Kummissjoni tinvoka aggravju wieħed li permezz tiegħu ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta’ liġi peress li tikkonkludi li hemm nuqqas ta’ motivazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Hija ssostni li, peress li ddeċidiet li, għall-finijiet

tal-applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE, is-sempliċi konstatazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' impriża fil-kummerċ intra-Komunitarju mhijiex suffiċjenti sabiex tintwera l-eżistenza ta' effett fuq il-kummerċ jew distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikoli 87(1) KE u 253 KE. Il-Kummissjoni ssostni li, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza titlob tali motivazzjoni, din tmur kontra l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

37 Il-Kummissjoni ssostni li l-parteċipazzjoni ta' Wam fil-kummerċ intra-Komunitarju tagħti prova, fiha nnfisha, tal-effett li seta' kellu s-sussidju fuq l-imsemmi kummerċ.

38 Kuntrarjament għall-punti 73 u 74 tas-sentenza appellata, u filwaqt li tikkritika n-nuqqas fid-deċiżjoni kkontestata ta' provi suffiċjenti relatati mat-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' Wam fir-rigward tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ssostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta għajnuna teħles impriża mill-ispejjeż li hija jkollha normalment issostni u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' impriżi kompetituri oħra fil-kummerċ intra-Komunitarju, hija tinfluwenza l-kummerċ u bħala prinċipju toħloq distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsisti sabiex hija ma tkunx marbuta li teżamina l-konsegwenzi effettivi tal-għajnuna.

39 Il-Kummissjoni tikkritika s-sentenza appellata sa fejn din tikkonstata nuqqas ta' motivazzjoni minħabba l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda argument dwar l-interdipendenza bejn is-suq Komunitarju u dak tal-Lvant Imbiegħed, li huma affettwati mill-għajnuna. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-kunsiderazzjoni evidenti li l-flus huma funġibbli b'mod li, meta impriża teżerċità attività ġewwa l-Komunità, mhuwix neċessarju li tiġi pprovduta dimostrazzjoni speċifika tal-possibbiltà li l-għajnuna intiża li tipprovdi sostenn għall-penetrazzjoni tagħha fis-swieq barra mill-Komunità wkoll għandha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tista' toħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

- 40 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinvoka l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li, jekk miċ-ċirkustanzi stess li fihom ingħatat l-għajjnuna jirriżulta li l-din tista' tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha li tevoka dawn iċ-ċirkustanzi fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Skont il-Kummissjoni, dan kien tabilħaqq dak li hija għamlet fid-deċiżjoni kkontestata.
- 41 Wam issostni li l-appell huwa nieqes minn kull fondatezza. Skont Wam, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat korrettament il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-obbligu ta' motivazzjoni mhuwiex sodisfatt permezz ta' motivazzjoni bbażata fuq evalwazzjonijiet astratti jew sempliċement ipotetiċi. Wam issostni li l-kundizzjonijiet dwar l-effett fuq il-kummerċ u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni jistgħu biss jiġu kkunsidrati bħala sodisfatti abbażi ta' fatti li jagħtu prova, b'mod konkret u mhux biss astratt, kif, bħal fil-kawża inkwistjoni, l-interventi mill-Istat, jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, iwasslu għal tisħiħ tal-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża benefiċjarja u sostenn tal-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni.
- 42 Skont ir-Repubblika Taljana, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kisritx l-Artikolu 87(1) KE u mxiet b'mod konformi mal-ġurisprudenza. Is-sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris Holland vs Il-Kummissjoni (730/79, Ġabra p. 2671) iddefinixxiet l-effett fuq il-kummerċ fis-sens li s-sussidju għandu "jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta pparagunata ma' impriżi kompetittivi oħra fil-kummerċ intra-Komunitarju".
- 43 Ir-Repubblika Taljana ssostni li, fid-deċiżjoni kkontestata, ma hemmx eżami, lanqas wieħed ġenerali, tal-karatteristiċi tal-kompetizzjoni intra-Komunitarja li hija potenzjalment affettwata mill-għajjnuna u, konsegwentement, ipoteżi ta' "tisħiħ relattiv", li għandha tispjega l-effett fuq il-kummerċ intra-Komunitarju. L-argument sostnut fil-punt 15 tal-appell, dwar l-effett eventwali ta' tisħiħ, huwa inammissibbli, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li dan l-effett ġie invokat għall-ewwel darba waqt is-seduta quddiemha.

- 44 Ir-Repubblika Taljana tinwoka l-istess eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fir-rigward tal-argument, espost fil-punt 15 tal-appell, dwar l-effett tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-fatt li l-impriża, permezz tas-sussidju inkwistjoni, tinħeles mill-ispejjeż li jkollha normalment issostni.
- 45 Skont dan l-Istat Membru, il-punt 56 tas-sentenza tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-372/97, Ġabra p. I-3679) jindika li l-motivazzjoni hija suffiċjenti peress li l-Kummissjoni tidentifika, minn tal-inqas b'mod ġenerali, l-ispejjeż normali tal-kategorija tal-impriżi kkonċernati u tirrelatahom mas-suġġett tal-ġhajjnuna. Fil-kawża inkwistjoni, ir-raġuni li għaliha l-ispejjeż sostnuti jikkostitwixxu "spejjeż normali" mhijiex inkluża fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
- 46 Barra minn hekk, ir-Repubblika Taljana ssostni li s-sentenza Tubemeuse, iċċitata iktar 'il fuq, tindika b'mod ċar li ma jistax jiġi preżunt li vantaġġ eventwali miksub fil-qasam tal-kompetizzjoni barra mill-Komunità jinkludi wkoll vantaġġ fil-qasam tal-kompetizzjoni Komunitarja. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet korrettament li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.
- 47 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Taljana ssostni li l-argument tal-Kummissjoni dwar il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ħaditx inkunsiderazzjoni n-natura funġibbli tal-flus, huwa inammissibbli, peress li ma jaqax taħt il-motiv ġuridiku bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni u jikkostitwixxi raġuni addizzjonali għal dik inkluża fid-deċiżjoni kkontestata. Fi kwalunkwe każ, it-teorija tal-"liberalizzazzjoni tar-riżorsi" ma tikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti fin-nuqqas ta' informazzjoni addizzjonali peress li din tista' wkoll sservi sabiex turi li l-ġhajjnuna inkwistjoni ma għandha ebda effett fuq is-suq Komunitarju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 48 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att inkwistjoni, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti Komunitarja sabiex teżerċità l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Mhuwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha ta' fatt u ta' dritt rilevanti, peress li l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tad-diċitura tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, Ġabra p. I-7115, punti 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 Applikat għall-kwalifikazzjoni ta' miżura ta' għajjnuna, dan il-prinċipju jirrikjedi li jiġu indikati r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE. F'dan ir-rigward, anki fil-każijiet fejn jirriżulta miċ-ċirkustanzi li fihom ingħatat l-għajjnuna, li din tista' tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha tal-inqas issemmi dawn iċ-ċirkustanzi fil-motivi tad-deċizzjoni tagħha (sentenza *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 50 F'dan il-kuntest, għandu jiġi speċifikat li, skont ġurisprudenza wkoll stabbilita, għall-finijiet tal-kwalifika ta' miżura nazzjonali bħala għajjnuna mill-Istat, għandu jkun hemm lok mhux li jiġi stabbilit effett reali tal-għajjnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda li jiġi eżaminat biss jekk l-għajjnuna tistax tolqot dan il-kummerċ u li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze et*, C-222/04, Ġabra p. I-289, punt 140 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Fir-rigward, b'mod iktar preċiż, tal-kundizzjoni tal-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-għoti ta' għajjnuna minn Stat Membru, fil-forma ta' tnaqqis mit-taxxa, lil ċerti persuni taxxabbli, għandu jiġi kkunsidrat bħala li

jista' jkollu effett fuq dan il-kummerċ u konsegwentement, bħala li jissodisfa din il-kundizzjoni peress li dawn il-persuni taxxabbli jeżerċitaw attività ekonomika li hija s-suġġett ta' dan il-kummerċ u ma jistax jiġi eskluż li dawn huma f'kompetizzjoni ma' operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, Ġabra p. I-1627, punt 35, u Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91).

52 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta għajjnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta pparagunata ma' impriżi kompetituri oħra fil-kummerċ intra-Komunitarju, dawn tal-aħħar għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma influwenzati mill-għajjnuna (sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 141 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan ir-rigward, il-fatt li settur ekonomiku kien is-suġġett ta' liberalizzazzjoni fuq livell Komunitarju huwa ta' natura li jikkarakterizza effett reali jew potenzjali tal-għajjnuna fuq il-kompetizzjoni, kif ukoll l-effett tagħha fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri (sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 142 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fir-rigward tal-kundizzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, għandu jifakkar li, l-għajjnuna intiża li tnaqqas impriża mill-ispejjeż li hija jkollha normalment issostni fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kuljum jew tal-attivitajiet normali tagħha, fil-prinċipju toħloq distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt-30, u Heiser, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

55 Fil-każ inkwistjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kisritx il-ġurisprudenza mfakkra iktar 'il fuq, dwar l-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat billi kkonkludiet, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li r-raġunijiet esposti fil-punti 74 sa 79 tal-motivi tad-deċizzjoni kkontestata ma jurux kif, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, l-għajjnuna inkwistjoni tista' tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

- 56 Fil-fatt, fir-rigward tal-imsemmija ċirkustanzi tal-kawża inkwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat korrettament, b'mod partikolari fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li l-ġhajjnuna inkwistjoni hija intiża li tiffinanzja, permezz ta' self issussidjat, l-ispejjeż ta' penetrazzjoni kummerċjali fi Stati terzi, relatati mal-istabbiliment ta' strutturi permanenti jew ta' sostenn għar-reklamar, u li s-sussidju ekwivalenti tagħhom huwa ta' ammont relattivament żgħir. Barra minn hekk, fil-punt 75 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li l-imsemmija ġhajjnuna mhijiex intiża li ssostni direttament u immedjatament l-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea, iżda li tiffinanzja programm ta' penetrazzjoni kummerċjali.
- 57 Fir-rigward taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha b'mod partikolari teżamina jekk l-ġhajjnuna inkwistjoni setgħetx tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li toħloq distorsjoni, billi pprovdiet fid-deċiżjoni kkontestata l-indikazzjonijiet rilevanti dwar l-effetti prevedibbli tagħhom.
- 58 F'dan ir-rigward, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza korrettament sqaqarret li kien ikun suffiċjenti kieku l-Kummissjoni tesponi korrettament kif l-ġhajjnuna inkwistjoni setgħetx tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod partikolari enfasizzat, f'dan il-kontest, li l-Kummissjoni ma kinitx marbuta li ttwettaq analiżi ekonomika tas-sitwazzjoni vera tas-suq ikkonċernat jew tal-kummerċ attwali inkwistjoni bejn l-Istati Membri, u lanqas li turi l-effetti reali tal-ġhajjnuna inkwistjoni, b'mod partikolari, rigward il-prezzijiet applikati minn Wam, jew ukoll li teżamina l-bejgħ ta' Wam fis-suq tar-Renju Unit.
- 59 Għalhekk, fir-rigward tal-applikazzjoni korretta ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat korrettament, fil-punt 66 tas-sentenza tagħha, li motivazzjoni ġenerali, bħal dik inkluża fil-punti 75 u 77 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq repetizzjoni tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Tubemeuse, iċċitata iktar 'il fuq, ma tistax, fiha nnfisha, tiġi kkunsidrata bħala li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE.

- 60 Fir-rigward tar-raġunijiet inklużi fil-punti 76 u 78 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi, iddeċidiet fil-punti 68 sa 74 tas-sentenza appellata li l-imsemmija punti ta' motivi, anki jekk moqrija flimkien mal-prinċipji stabbiliti fil-punt 75 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata flimkien mad-dikjarazzjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Wam tjobbet, mhumiex suffiċjenti sabiex juri kif l-għajjnuna inkwistjoni tista', fil-kawża inkwistjoni, ikollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- 61 Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni f'dan ir-rigward, is-sempliċi fatt li Wam ipparteċipat f'kummerċ intra-Komunitarju billi esportat parti sinjifikattiva mill-produzzjoni tagħha fil-Komunità, ma jistax ikun suffiċjenti, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni mfakkra fil-punt 55 tas-sentenza preżenti, sabiex juri l-imsemmija effetti.
- 62 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, b'mod partikolari li, għalkemm mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 50 u 52 tas-sentenza preżenti jirriżulta li tali effetti jistgħu, fil-prinċipju, jirriżultaw mill-fatt li l-benefiċjarju ta' għajjnuna huwa attiv f'suq Ewropew liberalizzat, xorta jibqa' l-fatt li fil-kawża inkwistjoni, u kuntrarjament għal fatti li taw lok għall-imsemmija kawżi, l-għajjnuna inkwistjoni mhijiex direttament marbuta mal-attività tal-benefiċjarju fis-suq, iżda hija intiża li tiffinanzja l-ispejjeż tal-penetrazzjoni kummerċjali fi Stati terzi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li hemm inkwistjoni għajjununa li s-sussidju ekwivalenti tagħha huwa ammont relattivament żgħir, l-effett tal-imsemmija għajjnuna fuq il-kummerċ intra-Komunitarju huwa inqas immedjat u iktar diffiċilment perċetibbli, u dan jeħtieġ li l-Kummissjoni timmotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod iktar dettaljat.
- 63 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 54 tas-sentenza preżenti, li tistabbilixxi li l-għajjnuna li hija intiża li teħles impriża mill-ispejjeż li hija jkollha normalment issostni fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kuljum jew tal-attivitajiet normali

tagħha, toħloq, fil-prinċipju, distorsjoni tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-ġhajjnuna inkwistjoni mhijiex tabilħaqq intiża li teħles lil Wam minn tali spejjeż.

64 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza, meta, fl-evalwazzjoni tagħha fil-punti 62 sa 76 tas-sentenza appellata, essenzjalment qieset li l-Kummissjoni kellha twettaq analiżi iżjed iddetaljata tal-effetti potenzjali tal-ġhajjnuna inkwistjoni fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u fuq il-kompetizzjoni u li kienet marbuta tipprovdi, fid-deċiżjoni kkontestata, informazzjoni addizzjonali dwar l-imsemmija effetti, hija ma kellhiex l-intenzjoni li ma tikkunsidrax il-ġurisprudenza mfakkra iżjed 'il fuq, iżda li tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni, u ma jistax jiġi allegat fil-konfront tagħha li wettqet żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

65 Barra minn hekk, din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mill-argumenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza inklużi fil-punt 74 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, dawn il-konstatazzjonijiet dwar l-eżami tar-relazzjonijiet ta' interdipendenza bejn is-suq Ewropew u s-suq tal-Lvant Imbiegħed jirrigwardaw il-possibbiltà ta' impatt indirett fuq il-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni intra-Komunitarja, kif ipprovdut prinċipalment fis-sentenza Tubemeuse, iċċitata iktar 'il fuq. Issa, għalkemm huwa minnu li l-eżami ta' tali relazzjoni ta' interdipendenza ma jistax ikun meħtieġ jekk jintwera li l-ġhajjnuna mill-Istat għandha effett dirett fuq is-swieq intra-Komunitarji, madankollu għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata, kif ġie kkonfermat fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza, ma turix din id-demostrazzjoni b'mod suffiċjenti.

66 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

⁶⁷ Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi, kif mitlub mir-Repubblika Taljana u minn Wam.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-appell huwa miċħud.**
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.**

Firem